# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 138/21/1 ISB**

**Spettur Elton Taliana**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-11 ta' Ottubru 2023 li biha ddikjarat li kienet sodisfatta li l-attur kellu mezzi xierqa oħra ta' rimedju sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. Bl-istess sentenza l-Qorti lliberat lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju, u dwar liema ma sarx aggravju.[1] Fir-rikors tal-appell l-attur spjega li l-appell tiegħu hu

[1] B'rikors preżentat fil-31 ta' Ottubru 2023 l-attur talab biex iżid aggravju fir-rikors tal-appell. Talba opposta mill-konvenuti. B'digriet mogħti fl-4 ta' Jannar 2024 din il-Qorti ċaħdet it-talba peress li l-liġi ma tipprospettax iż-żieda ta' aggravju f'appell wara li jkun ġie preżentat. Inoltre, ma jistax jingħad li t-talba taqa' fil-parametri tal-Art. 175 tal-Kap. 12.

minħabba l-fatt li l-Ewwel Qorti żbaljat fil-fatt u fil-liġi *"4..... meta iddikjarat illi ma kinitx ser teżerċita s-setgħet kostituzzjonali tagħha"*.

2. Bħala fatti fil-15 ta' Jannar 2021 il-Maġistrat tal-Għassa ħarġet, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-attur. Fil-kopja tal-mandat li ppreżenta mar-rikors maħluf, ma tissemmiex ir-raġuni għall-ħruġ ta' dak il-mandat. Dakinhar stess l-attur kien arrestat u skont ma xehed dam fil-kustodja tal-Pulizija għal tlettax-il siegħa. L-attur qal li kien arrestat fil-11:30 ta' filgħodu u rilaxxat l-għada fin-00:30 ta' filgħodu. Ix-xhud l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt ikkonferma li l-attur kien arrestat fil-11:30 ta' filgħodu u f'12:05 ta' filgħodu kien rilaxxat. Matul l-arrest l-attur m'għamilx ħin miżmum fil-*lock up*, għalkemm kien reġistrat fir-reġistru tal-*lock up*. Jirriżulta li mir-residenza ħaduħ id-*Depot* fejn l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt tah it-twissija li jista' ma jweġibx għad-domandi li jsirulu u li kellu dritt jitkellem ma' avukat. L-attur xehed li għażel li ma jitkellimx ma' avukat. L-attur għamel żewġ stqarrijiet u wara t-tieni waħda kien rilaxxat. Ir-raġuni tal-arrest kienet minħabba li l-Pulizija kellha tagħrif li l-attur kien daħal fis-sistema tal-Pulizija magħrufa bħala MPS u ħa tagħrif dwar persuna li ma kellux x'jaqsam max-xogħol tiegħu. Skont il-Pulizija, mill-istqarrijiet u l-*mobiles* li ttieħdu mingħand l-attur kien irriżulta li l-attur ħa ritratt minn fuq is-sistema MPS dwar id-dettalji ta' ċertu Julian Hoofstra u fis-7 ta' Jannar 2021 bagħathom b'messaġġ lill-avukat Dr Charles Mercieca. F'dan ir-

rigward ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-attur li milli fehmet il-Qorti għadhom pendenti.

3. Fid-9 ta' Marzu 2021 l-attur fetaħ din il-kawża fejn ilmenta li l-arrest, detenzjoni, interrogazzjoni, tfittxija u teħid ta' oġġetti sar bi ksur tal-liġi u l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> "1. *Tiddikjara u tiddeċidi illi l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija (Dok. A) fil-konfront tiegħu datat 15 ta' Jannar 2021 jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti fl-Art. 34 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jiddisponu illi "Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nfurmat minnufih .... dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu" billi ma jindika ebda xorta ta' reat u/jew ir-raġunijiet tal-arrest u tfittxija u 'No person shall be deprived of his liberty save .... In accordanc with a procedure prescribed by law";*
>
> 2. *Tiddikjara l-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti fuq indikati u illi konsegwentement, l-arrest, id-detenzjoni, l-interrogazzjoni, it-tfittxija u t-tehid ta' oġġetti f'din it-tfittxija huma nulli billi huma konsegwenza diretta ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxija li saru bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;*
>
> 3. *Tagħti dawk ir-rimedji kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi fosthom:*
>
> *(i) Tiddikjara lill-intimati responsabbli għal kumpens u danni pekunjarju u mhux pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-arrest, detenzjoni, interrogazzjoni u tfittxija illegali;*
>
> *(ii) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;*
>
> *(iii) Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja; u*
>
> *(iv) Tordna li isem l-intimat jitħassar mid-'detainee book' miżmum mill-Pulizija fejn tniżżel illegalment u bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponent u tgħati dawk ir-rimedji opportuni dwar ir-riżultat rivedut tal-'Post Positions of Police Superintendents'."*

4. Permezz ta' tweġiba preżentata fl-4 ta' Mejju 2021 il-konvenuti *inter alia* wieġbu li l-attur qiegħed jabbuża mill-proċedura ta' din ix-xorta għaliex kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju. Isostnu li huma l-qrati penali li għandhom jiddisponu minn kwistjonijiet simili. Jekk l-attur kien tal-fehma li l-arrest kien wieħed illegali seta' juża l-proċedura stabbilita mill-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali.

5. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li laqgħet, kien prinċipalment dan wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza:

> *"Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellux a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnu.*
>
> *Madankollu, jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-disposizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.*
>
> ...........
>
> L-intimati jibbażaw l-argument tagħhom fuq l-Artikolu 409A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid testwalment is-segwenti:
>
> ...................
>
> *Il-Qorti tosserva l-konklużjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Jamburu Jara et vs Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*** *deċiża fl-20 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:*
>
>> *52. Fir-realta` jidher li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli jagħmlu l-proċedura taħt l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali (habeas corpus).*
>>
>> *...*
>>
>> *54. Mill-atti jirriżulta kif persuna oħra mill-Mali li wkoll kienet qegħda f'detenzjoni, kienet ipproponiet proċeduri taħt l-Artikolu 409A tal-Kodiċi*

> *Kriminali u sostniet li l-arrest kien illegali u għalhekk talbet ir-rilaxx (**Namake Nuomo v. Kummissarju tal-Pulizija**). Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2016 laqgħet it-talba u ordnat ir-rilaxx tagħha mid-detenzjoni. Deċiżjoni konfermata mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Jannar 2017 (fol. 200). Dan fih innifsu juri kemm jeżisti rimedju taħt il-liġi ordinarja. Rik. Kost. 107/16.*
>
> *...*
>
> *56. Bl-istess mod, għall-ilment tal-atturi li seħħ ksur ta' drittijiet fundamentali għal dak li jirrigwarda l-arrest tagħhom u wkoll id-dritt għat-tgawdija tal-ħajja privata, dawn il-proċeduri huma l-aħjar prova li kellhom rimedju.*

*Il-Qorti tosserva wkoll dak li kkonkludiet riċentament din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Wasim Rakib vs L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et.** deċiża fil-11 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti kkonkludiet:*

> *74. Barra minn hekk, kif aċċennat fis-sentenza **Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Principali tal-Immigrazzjoni et** fuq imsemmija, b'żieda mar-rimedju msemmi fl-artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent milli jekk irid jinqeda bil-proċedura tal-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali dwar il-habeas corpus, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest tiegħu jekk kemm-il darba huwa kien qed isostni li l-arrest tiegħu kien wieħed illegali;*
>
> *75. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-qorti lanqas ma tħoss li huwa xieraq li għandha għalfejn tistħarreġ it-talbiet tar-rikorrent safejn dawn huma marbuta mal-arrest tiegħu fl-2019. Wara kollox jirriżulta mill-ġabra tal-fatti fuq imsemmija, li r-rikorrent mhuwiex xi persuna li kien jiddejjaq jibda proċeduri legali. Kemm hu hekk, jirriżulta li f'dawn l-aħħar għaxar snin huwa fetaħ litanija sħiħa ta' proċeduri kontra l-awtoritajiet governattivi. Mhux sew għalhekk li din il-qorti tqis dan l-ilment tar-rikorrent li seħħ tliet snin ilu, meta f'dak iż-żmien huwa kellu rimedji ordinarji li għażel li ma jinqediex bihom;*

*Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma' dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.*

*Kif ighid il-Professur Tonio Borg fil-ktieb tieghu **A Commentary on the Constitution of Malta**, "the proviso can be applied even where the remedy was available and, through inertia or negligence of the applicant, it no longer was available when he instituted the human rights action".*[2]

*Il-Qorti taghmel taghha ukoll dak li ighid l-istess Profs. Tonio Borg fil-ktieb tieghu hawn fuq riferit, meta jghid illi proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom ikunu "one of last resort", fis-sens illi "allowing human rights*

[2] 2016 Publication, pagna 266.

> *actions when available adequate remedies are available, also trivialises the special procedure of alleging human rights violations".*
>
> *Għalhekk din il-Qorti tosserva li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rimedju kienet għażla tiegħu li ma jagħmilx użu minnu. Konsegwentament, ma jistax la darba kienet għażla tiegħu illi ma jeżawrixix ir-rimedju ordinarju li kellu għad-disponabilita` tiegħu jirrikorri issa quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tfakkar li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali hija waħda straodinarja li wieħed m'għandux jirrikorri għaliha kappriċċożament wara li jkun seta' jirrikorri għal rimedju ordinarju effettiv u ddeklina milli jagħmel dan".*

6. B'rikors preżentat fit-30 ta' Ottubru 2023 l-attur appella mis-sentenza. Il-konvenuti wieġbu fis-16 ta' Novembru 2023.

**<u>Konsiderazzjoni</u>:**

7. Fl-ewwel lok l-attur argumenta li minn dak li jingħad fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021, l-Ewwel Qorti għażlet li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u fil-fatt semgħet il-provi fil-mertu. L-attur isostni li l-Ewwel Qorti ma setgħetx treġġa' l-arloġġ lura bis-sentenza li tat fil-11 ta' Ottubru 2023, u wara li għamlet sena u nofs tisma' l-provi tal-partijiet, tiddikjara li ma tridx tismagħha għaliex l-attur kellu rimedju ordinarju.

8. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Fil-verbal jingħad ċar u tond li *"Bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ser tagħti sentenza waħda <u>inkluż minn kwalsiasi eċċezzjoni preliminari</u> li setgħet tressqet".* Kliem ċar li l-ebda eċċezzjoni tal-konvenuti ma ġiet eskluża jew deċiża, allura nkluż it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

9. L-attur ilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji. F'dan ir-rigward argumenta li:

i. L-Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali ma kienx rimedju adegwat peress li kien rilaxxat wara tlettax-il siegħa. Kieku wara li ġie rilaxxat mill-arrest ippreżenta rikors skont l-imsemmija dispożizzjoni, il-konvenuti kienu jgħidu li m'għandux interess ġuridiku peress li kien diġà nħeles;

ii. Fis-sentenza **<u>Karim Barboush v. Kummissarju tal-Pulizija</u>** tal-5 ta' Novembru 2004, il-Qorti Kriminali qalet li f'proċedura taħt Art. 409A trid tiddetermina jekk il-kontinwazzjoni tal-arrest hijiex ġustifikata fuq xi dispożizzjoni ta' liġi u mhux kienx hemm ksur tal-jedd fundamentali tal-persuna;

iii. Dam tlettax-il siegħa arrestat li matulhom kellu l-*mobile* konfiskat mill-Pulizija. Fil-ħin li matulu kien arrestat l-unika ħaġa li kienet għaddejja minn moħħu kienet sabiex juri li m'għamel xejn ħażin. Għalhekk ma kienx hemm il-ħin sabiex jippreżenta rikors *ai termini* tal-Art. 409A. Żied li r-raġunijiet tal-arrest kien sar jafhom ferm wara li spiċċa l-arrest;

iv. Kull min hu vittma tal-ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni għandu jedd għall-kumpens (Art. 5(5) tal-Konvenzjoni);

v. L-eżistenza ta' rimedju ordinarju mhijiex kondizzjoni tassattiva fuq Qorti, bħala obbligu *sine qua non*, biex il-Qorti tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni.

10. Il-konvenuti argumentaw li r-rimedju tal-*habeas corpus* kien rimedju adegwat. L-attur jikkontesta l-legalità tad-detenzjoni, u l-Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali hu maħsub proprju biex il-Qorti tistħarreġ il-legalità tal-arrest. Il-provi juru wkoll li kopja tal-mandat ta' arrest u tfittxija ngħatat lill-attur fil-mument tal-arrest u l-uffiċjali tal-Pulizija li arrestawh kienu spjegawlu r-raġuni, kif ukoll tawh id-drittijiet tiegħu. Matul dawk it-tlettax-il siegħa kien jaf għalfejn kien arrestat. Jekk ħass li l-arrest kien wieħed illegali, kellu r-rimedju taħt Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali. Kienet għażla tal-attur li ma jkellimx avukat. Kieku ppreżenta rikors *ai termini* tal-Art. 409A tal-Kodiċi kien ikollu *"33.... an arguable claim quddiem il-Qrati Kostituzzjonali sabiex jingħata kumpens għal arrest dikjarat illegali mill-Qrati ordinarji"*.

11. Wara li l-Qorti rat il-proċess jirriżulta li l-attur qiegħed jilmenta dwar:

i. It-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest saret lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, meta ma kienx hemm proċeduri ta' kumpilazzjoni kontra l-attur;

ii. Il-mandat ta' arrest u tfittixija ma kienx fih ix-xorta tar-reat (Art. 355AG(2) tal-Kodiċi Kriminali);

iii. L-informazzjoni li ngħatat lill-Maġistrat tal-Għassa qabel ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' arrest, ma kinitx kompluta u kienet qarrieqa bi ksur tal-Art. 355AH tal-Kodiċi Kriminali. Hekk pereżempju għalkemm il-Maġistrat kienet infurmata li l-attur kien ġabar informazzjoni sensittiva li kienet qiegħda tiġi investigata minn skwadra speċjalizzata, l-attur isostni li l-provi juru li ma kellux aċċess għal xi informazzjoni simili. F'dan ir-rigward għamel referenza għad-deposizzjoni tad-Deputat Kummissarju Alexandra Farrugia u s-Supretendent Grech.

iv. Li ma ngħatax l-ittra bid-drittijiet li tissemma fi skeda E tal-Kap. 9 (Artikolu 534AB(3) tal-Kodiċi Kriminali).

v. Mal-arrest ma tteħidx l-Għassa tal-Pulizija l-iktar qrib kif jitlob l-Artikolu 355AE(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda ttieħed id-*Depot*.

vi. Waqt li kien arrestat ma ngħatax kull dokument li kien fil-pussess tal-Pulzija, relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża (*'challenge'*) effettiva tal-legalità tal-arrest (Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali). Argumenta li l-provi juru li l-Assistent Kummissarju Gatt tkellem ma' diversi persuni bejn l-ewwel u t-tieni stqarrija tal-attur, iżda ma taħx tagħrif dwar x'kien irriżulta minn dawk l-intervisti.

12. M'hemmx dubju li meta l-attur kien infurmat mill-Assistent Kummissarju Gatt li kellu dritt li jitkellem ma' avukat, u dan fi stadju bikri tal-arrest tiegħu, seta' faċilment ħataf l-opportunità u tkellem ma' avukat biex jikkontesta l-legalità tal-arrest. Il-Qorti m'għandhiex dubju li Spettur fil-Korp tal-Pulizija jaf bir-rimedju li l-Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali jagħti lill-persuna arrestata. Dan billi tippreżenta rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li għandu jinstema' u jiġi deċiż bl-urġenza. F'dik il-proċedura speċjali l-Qorti għandha tordna l-ħelsien jekk *"(3).... jirriżultalha li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent ma tkunx imsejsa fuq ebda disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra li tkun tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent"*. Jekk it-talba tintlaqa' d-detenut jinħeles mill-ewwel. Ovvjament sakemm jiġi preżentat ir-rikors, jiġi appuntat, jinstema' u jiġi deċiż, kien ser ikun hemm ċertu ħin, mhux magħruf kemm, li matulu l-attur kien ser jibqa' detenut.

13. Madankollu, il-Qorti hi tal-fehma li b'referenza għall-ilment tal-attur ir-rimedju taħt Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex biżżejjed. Skont Art. 5(5) tal-Konvenzjoni, min ikun arrestat bi ksur tal-Art. 5 għandu jedd għall-kumpens. Dispożizzjoni simili nsibuha f'Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Rimedju li l-attur talab fir-rikors li bih fetaħ il-kawża. Proċeduri taħt Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali jservu biss sabiex tiġi mistħarrġa l-kontinwazzjoni tal-legalità tal-arrest u xejn iktar. Proċedura li ma tagħtix rimedju għall-arrest *per se* jekk jirriżulta li jkun sar bi ksur tal-Art. 5, u li skont l-imsemmija dispożizzjoni għandha tkun f'kumpens. Inoltre, fir-realtà l-Art. 409A ma jagħtix l-opportunità li jiġi mistħarreġ jekk l-arrest kienx bi ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni jew Art. 34 tal-Kostituzzjoni. Arrest li fl-aħħar mill-aħħar ikun ċaħħad lill-persuna mil-libertà. Rilevanti hu li l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni hu fih innifsu garanzija kontra arrest arbitrarju. Il-QEDB għamlitha ċara li jista' jkollok arrest arbitrarju u għalhekk kontra l-Konvenzjoni, minkejja li jista' jkun regolari taħt il-liġi nazzjonali (ara pereżempju sentenza **Aden Ahmed v. Malta** tat-23 ta' Lulju 2013 (numru 55352/12) para 141). Hekk pereżempju, *"62 .... in particular where there has been an element of bad faith or deception on the part of the authorities (see Mooren v. Germany (GC), no. 11364/03, 72, 77 and 78, 9 July 2009, with further references) or where such deprivation of liberty was not necessary in the circumstances (see Nestak v Slovakia, no. 65559/01, 74, 27 February 2007)"* (**Lutsenko v. Ukraine** deċiża fit-3 ta' Lulju 2012).

14. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tidher li bbażat id-deċiżjoni prinċipalment fuq dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti, **Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija et** tal-20 ta' Lulju 2020. Però jiġi preċiżat li f'dak il-każ l-Ewwel Qorti kienet sabet ksur tal-jedd fundamentali protett taħt Art. 5 tal-Konvenzjoni u l-aggravju tal-Istat fuq dak il-kap kien miċħud minn din il-Qorti. L-osservazzjonijiet li għamlet din il-Qorti f'dik is-sentenza dwar l-Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali kienu b'referenza għall-ilment relatat mal-Art. 13 tal-Konvenzjoni u mhux l-Art. 5 tal-Konvenzjoni.

15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet tikkonkludi li l-Art. 409A tal-Kodiċi Kriminali ma kienx joffri rimedju ordinarju adegwat meta tqis l-ilmenti tal-attur.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur u tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u minflok tiċħad l-istess. Spejjeż tal-appell a karigu tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm